



Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2023/2129(DEC)

12.2.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea
għas-sena finanzjarja 2022 – Taqsima III – Il-Kummissjoni u l-aġenziji
eżekuttivi
(2023/2129(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Pascal Canfin

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-proposta għal deċiżjoni tiegħu:

1. Huwa sodisfatt bl-implimentazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni tal-intestaturi baġitarji għall-ambjent, l-azzjoni klimatika, is-saħħa pubblika u s-sikurezza alimentari fl-2022;
2. Huwa sodisfatt bil-ħidma mwettqa mill-ħames aġenziji deċentralizzati li jaqgħu fl-oqsma ta' responsabbiltà tiegħu, li jwettqu kompiti tekniċi, xjentifiċi jew maniġerjali li jgħinu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jfasslu u jimplementaw politiki fl-oqsma tal-ambjent, l-azzjoni klimatika, is-saħħa pubblika u s-sikurezza alimentari, kif ukoll bil-mod kif jiġu implimentati l-baġits ta' dawk l-aġenziji; jisħaq li minħabba l-iskala tal-isfidi attwali u li ġejjin, iridu jiġu garantiti finanzjament u persunal adegwati għall-aġenziji u d-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni ("DG") li jaħdmu fl-oqsma tal-ambjent, l-azzjoni klimatika, is-saħħa pubblika u s-sikurezza alimentari;
3. Jenfasizza li l-Kummissjoni hija responsabbli biex tiżgura li l-pajjiżi kollha tal-UE japplikaw kif xieraq il-liġi tal-UE u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm kapaċità suffiċjenti ta' persunal fid-DG Ambjent u f'servizzi oħra rilevanti għall-ambjent bħad-DG SANTE u d-DG CILMA, u fit-tim ambjentali fis-Servizz Legali tal-Kummissjoni biex jiġi żgurat l-infurzar sħiħ tal-leġiżlazzjoni ambjentali;

Ambjent u Azzjoni Klimatika

4. Jinnota li, fl-2022, il-baġit tad-DG Ambjent laħaq EUR 567 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 470 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament u li kellu 511-il membru tal-persunal; jirrimarka li l-approprjazzjonijiet amministrati direttament mid-DG Ambjent kellhom rata ta' implimentazzjoni ta' aktar minn 99 % fi tmiem is-sena;
5. Jinnota l-fatt li s-sehem tal-pagamenti eżegwiti mid-DG Ambjent li qabżu l-iskadenzi legali żdied fl-2022 (3,93 % meta mqabbel ma' 1,51 % fl-2021);
6. Jinnota li, fl-2022, id-DG Azzjoni Klimatika ggestixxa EUR 33,80 miljun taħt it-titolu "Azzjoni klimatika" tal-baġit tal-Unjoni filwaqt li EUR 2 897,4 miljun kienu disponibbli għall-Fond għall-Innovazzjoni; jinnota wkoll li d-DG kellu 310 membri tal-persunal fi tmiem is-sena; iqis li dan in-numru għandu jiżdied, fid-dawl tal-volum dejjem akbar ta' kompiti relatati, fost l-oħrajn, mal-perkors tal-Unjoni lejn in-newtralità klimatika sal-2050;
7. Jinnota li l-istimi preliminari (ibbażati fuq l-approprjazzjonijiet ta' impenn) tal-kontribuzzjoni għall-klima tal-programmi ewlenin juru li, fl-2022, 34,8 % tal-baġit tal-UE kien iddedikat għall-azzjoni klimatika, f'konformità mal-pjanijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali li mill-inqas 30 % tal-QFP 2021-27 għandu jintuża għal dan l-għan;
8. Jinnota l-bidliet li l-Kummissjoni għamlet fl-2022 fil-metodoloġija tat-traċċar tal-klima

bħala rispons għat-tħassib espress dwar is-sejba tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 09/2022¹, li l-infiq irrapportat mhux dejjem kien rilevanti għall-azzjoni klimatika u li l-ammont ta' infiq irrapportat għal dak l-għan kien ġie stmat iżżejjed b'tal-anqas EUR 72 biljun, li jfisser li madwar 13 % biss tal-baġit 2014-2020 intefaq għal skopijiet relatati mal-klima; huwa tal-fehma li dan il-fatt iservi bħala twissija; ihegġegħ lill-Kummissjoni tiddistingwi bejn il-mitigazzjoni klimatika u l-adattament għall-klima fil-metodoloġija tat-traċċar billi taqsam il-kategorija tal-monitoraġġ u r-rapportar f'adattament għall-klima u mitigazzjoni klimatika;

9. Jissottolinja l-importanza ta' skrutinju xieraq tal-infiq fuq il-klima u l-bijodiversità fil-baġit tal-UE, u jżomm lill-Kummissjoni responsabbli għall-implimentazzjoni ta' metodoloġija robusta u affidabbli, f'konformità mal-impenji meħuda mill-ftehim tal-QFP u l-paragrafu 16d tal-FII tas-16 ta' Diċembru 2020; jistieden lill-Kummissjoni tevita approssimazzjoni qarrieqa tal-kontribuzzjoni tal-infiq għall-oġettivi tal-klima u l-bijodiversità, nuqqas ta' miri espliċiti, kif ukoll kopertura parzjali biss tal-impatti potenzjalment negattivi jew mhux ċari fuq il-klima u l-bijodiversità; jirrikonoxxi li hemm interventi b'benefiċċji komuni iżda jissottolinja l-ħtieġa li jiġi evitat l-għadd doppju;
10. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippovdi lill-Parlament rapport kull sena li jagħti b'mod dettaljat il-kontribuzzjoni ta' kull partita baġitarja għall-miri tal-integrazzjoni klimatika u l-bijodiversità, sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tagħhom; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tirrapporta jekk kwalunkwe partita baġitarja naqsitx milli tirrispetta l-kriterju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" kif imsemmi fir-Regolament tat-Tassonomija;
11. Jiddispijaċih dwar is-sejba tal-Qorti, fir-Rapport Speċjali 16/2021² tagħha, li l-finanzjament agrikolu tal-UE allokat għall-azzjoni klimatika ma kkontribwix biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra; jaqbel mal-fehma tal-Qorti li l-Politika Agrikola Komuni l-ġdida għandha tiffoka aktar fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet agrikoli, u tkun aktar responsabbli u trasparenti dwar il-kontribut tagħha għall-mitigazzjoni klimatika;
12. Itenni t-tħassib serju tiegħu li r-riżerva dwar ir-riskji sinifikanti għas-sigurtà identifikati fil-manutenzjoni u t-tħaddim tas-sistema tar-Reġistru tal-Unjoni tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif irrapportat fir-RAA mill-2010 'l quddiem, tiġi rripetuta fir-RAA tal-2022 tad-DG Azzjoni Klimatika;

Saħħa pubblika, sikurezza alimentari, saħħa u benessri tal-annimali u saħħa tal-pjanti

13. Jenfasizza r-rwol li d-DG Saħħa u Sikurezza Alimentari kompli jaqdi sabiex żgura rispons koordinat għall-pandemija tal-COVID-19 fl-Istati Membri kollha matul l-2022; jirrikonoxxi l-ħidma għall-ħolqien ta' Unjoni Ewropea tas-Saħħa, biex l-HERA ssir operattiva bis-sħiħ, fuq l-azzjonijiet taħt il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer u l-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa, kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt";
14. Jinnota li, fl-2022, id-DG Saħħa u Sikurezza Alimentari ggestixxa baġit ta'

¹L-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020: Mhuwiex għoli daqskemm ġie rrapportat, 30 ta' Mejju 2022.

EUR 644,20 miljun fl-oqsma ta' politika tiegħu (meta mqabbel ma' EUR 1 162,42 miljun fl-2021, prinċipalment minħabba tnaqqis fl-infiq fuq l-appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni) u kellu 791 membru tal-persunal; jinnota li r-rati ta' implimentazzjoni ta' impenji u ta' pagamenti żdiedu għal 92,43 % u 90,90 %, rispettivament;

15. Jinnota li, fl-2022, id-DĠ Saħħa u Sikurezza Alimentari ppreżenta rata medja ta' żball residwu ta' 0,7 %, li hija taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %;

Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa (HERA)

16. Jinnota li l-HERA, wara t-twaqqif tagħha bħala servizz intern tal-Kummissjoni fl-1 ta' Ottubru 2021, żiedet l-attivitajiet tagħha matul l-2022 u li l-missjoni tagħha hija li tappoġġja l-prijoritajiet tal-Kummissjoni għas-saħħa pubblika, it-tħejjija u l-ġestjoni tal-kriżijiet fis-setturi tas-saħħa, ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-industrija; jinnota bi tħassib it-trikkib tar-responsabbiltajiet u d-duplikazzjoni tal-isforzi bejn il-mandati tad-DĠ HERA mad-DĠ SANTE u l-ECDC; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-valur miżjud tal-HERA bħala parti integrali tal-Kummissjoni u tipprevjeni d-duplikazzjoni tax-xogħol u tar-riżorsi;
17. Jinnota li fl-2022, l-HERA kellha pagamenti ta' EUR 438 miljun u li l-persunal tagħha żdied minn 30 għal 80 membru; jinnota li l-ġestjoni finanzjarja tal-HERA hija ddelegata bis-siġħ lil entitajiet oħra; jinnota li a) d-DĠ INTPA ħallas EUR 430 miljun f'isem l-HERA taħt l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza permezz ta' sottodelega trasversali, u li b) 100 % tal-baġit tal-programm l-UE għas-Saħħa tal-HERA għall-2022 ġie implimentat mill-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA) għal ammont totali ta' EUR 275 miljun f'approprjazzjoni ta' impenn. c) l-HERA kkodelegat EUR 580,5 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn lid-DĠ ECHO permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili biex jiġu żviluppati ħażniet ta' kontromiżuri mediċi bħala rispons għal emerġenzi Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari (CBRN) fuq skala kbira. d) ġew allokat i għall-HERA proġetti b'madwar EUR 125 miljun, li jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-HERA mid-DĠ RTD taħt il-programm Orizzont Ewropa 2022; jirrimarka li l-HERA fdat lid-Direttorati Ġenerali sħab bl-implimentazzjoni tal-proċessi ta' kontroll intern biex tiġi żgurata l-ġestjoni adegwata tar-riskji relatati mal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti li huma responsabbli għalihom, filwaqt li jitqies il-karattru pluriennali tal-programmi u n-natura tal-pagamenti kkonċernati. Jinnota li d-Direttorati Ġenerali sħab jerfġu r-responsabbiltà għall-approprjazzjonijiet delegati u jirrapportaw dwarhom fir-RAA tagħhom stess;
18. Jiddispjaċih li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-finanzjament tal-HERA kienet tiddependi ħafna fuq il-Programm l-UE għas-Saħħa, u naqqset il-baġit tagħha b'aktar min-nofs b'kontribuzzjoni tal-programm l-UE għas-Saħħa ta' EUR 2 795 biljun għall-HERA bejn l-2021 u l-2027; jinnota bi tħassib li tali tnaqqis affettwa l-kapaċità ta' finanzjament ambizzjuż tal-programm l-UE għas-Saħħa ta' attivitajiet oħra kif previst mir-Regolament (UE) 2021/522, inkluż it-tqegħid f'riskju ta' azzjonijiet taħt il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer u l-appoġġ meħtieġ għall-ħolqien tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa; jiddeplora l-fatt li billi assenjat tali ammonti sinifikanti lill-HERA, il-Kummissjoni kisret il-limiti massimi ta' finanzjament maqbula għall-infiq

minimu u massimu stabbilit fir-Regolament dwar il-Programm l-UE għas-Saħħa;

19. Jinnota bi tħassib kbir il-kollaborazzjoni mill-qrib tal-uffiċjali tal-Kummissjoni u l-industrija fi ħdan l-attivitajiet tal-HERA; jappella biex jiġu stabbiliti regoli b' saħħithom dwar it-trasparenza u l-kunflitt ta' interess biex jiġu żgurati l-fiduċja pubblika u l-indipendenza kummerċjali tal-HERA. Huwa mħasseb li sa tmiem l-2022, l-HERA ma żviluppatx u ma implimentatx proċedura għar-rapportar ta' eċċezzjonijiet u avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità, u strateġija kontra l-frodi;
20. Jenfasizza li r-rapport tal-Kummissjoni dwar it-“tagħlimiet meħuda” mill-pandemija tal-COVID-19 ma eżaminax il-prestazzjoni tal-proċess tal-akkwist tal-vaċċini, lil hinn mill-eżitu ġenerali tiegħu. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tapplika livell għoli ta' trasparenza għall-kuntratti attwali u futuri kollha fil-qafas tal-akkwist konġunt u għall-ftehimiet ta' xiri relatati fil-qasam tas-saħħa; jinsisti li d-DG rilevanti tagħha għandhom jistabbilixxu qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE solidu u trasparenti, meta jkunu involuti b' mod sħiħ jew parzjali fondi mill-baġit tal-UE, li jippermetti skrutinju komprensiv mill-Parlament, speċjalment fir-rigward ta' oqsma ta' nfiq ewlenin relatati ma' kriżi tas-saħħa; f'konformità mal-interess pubbliku prevalenti ddikjarat fir-Regolament 1049/2001 u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-fiduċja tal-pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel kompletament disponibbli l-ftehimiet konklużi kollha ta' xiri (bil-quddiem) tal-vaċċini u tal-prodotti terapewtiċi għall-COVID-19;
21. Huwa tal-opinjoni, abbażi tad-data disponibbli u tar-rapport ta' implimentazzjoni, li tista' tingħata l-kwittanza lill-Kummissjoni, minkejja ċerti twissijiet deskritti hawn fuq fir-rigward tal-infiq fl-oqsma tal-politika ambjentali u klimatika, is-saħħa pubblika u s-sikurezza alimentari għas-sena finanzjarja 2022, dment li jingħataw biżżejjed garanziji li n-nuqqasijiet deskritti jiġu rrimedjati fil-perjodu li ġej;
22. Ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni li twettaq rieżami bir-reqqa tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-HERA sal-2025 u li tqis li tbiddel l-istruttura u l-governanza tagħha, inkluż sabiex tittrasformaha f'aġenzija ġenwina b'baġit awtonomu.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Il-President fil-kapaċità tiegħu bħala rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	24.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 67 -: 12 0: 6
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Amalric, Maria Arena, Hildegard Bentele, Michael Bloss, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Maria Angela Danzi, Esther de Lange, Christian Doleschal, Bas Eickhout, Helène Fritzon, Malte Gallée, Anja Hazekamp, Martin Hojsik, Jan Huitema, Karin Karlsbro, Petros Kokkalis, Peter Liese, Javi López, César Luena, Marian-Jean Marinescu, Lydie Massard, Liudas Mažylis, Marina Measure, Silvia Modig, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Nikos Papandreou, Francesca Peppucci, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Erik Poulsen, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Günther Sidl, Maria Spyra, Edina Tóth, Achille Variati, Petar Vitanov, Mick Wallace, Emma Wiesner, Michal Wiezik
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Christophe Clergeau, Margarita de la Pisa Carrión, Martin Häusling, Ska Keller, Sara Matthieu, Manuela Ripa
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Mazaly Aguilar, Katarina Barley, Sergio Berlato, Daniel Buda, Asger Christensen, Nathalie Colin-Oesterlé, Ana Collado Jiménez, Marie Dauchy, Matthias Ecke, Pietro Fiocchi, Gianna Gancia, Paola Ghidoni, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Peter Jahr, Billy Kelleher, Danilo Oscar Lancini, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Thierry Mariani, Nora Mebarek, Dace Melbārde, Nicola Procaccini, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone, Ivan Vilibor Sinčić, Sara Skytvedal, Michaela Šojdrová, Idoia Villanueva Ruiz, Alexandr Vondra, Veronika Vrecionová, Thomas Waitz, Jörgen Warborn, Stefania Zambelli

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

67	+
NI	Maria Angela Danzi, Edina Tóth
PPE	Hildegard Bentele, Daniel Buda, Ana Collado Jiménez, Christian Doleschal, Peter Jahr, Esther de Lange, Peter Liese, Elżbieta Katarzyna Lukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Liudas Mažylis, Dace Melbārde, Dolores Montserrat, Ljudmila Novak, Francesca Peppucci, Stanislav Polčák, Jessica Polfjård, Sara Skytvedal, Michaela Šojdrová, Maria Spyraiki, Jörgen Warborn, Stefania Zambelli
Renew	Catherine Amalric, Pascal Canfin, Asger Christensen, Martin Hojsik, Jan Huitema, Karin Karlsbro, Billy Kelleher, Erik Poulsen, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Emma Wiesner, Michal Wiezik
S&D	Maria Arena, Katarina Barley, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Christophe Clergeau, Matthias Ecke, Heléne Fritzon, Javi López, César Luena, Nora Mebarek, Alessandra Moretti, Nikos Papandreou, Günther Sidl, Achille Variati, Petar Vitanov
The Left	Anja Hazekamp, Petros Kokkalis, Marina Mesure, Silvia Modig, Idoia Villanueva Ruiz, Mick Wallace
Verts/ALE	Michael Bloss, Bas Eickhout, Malte Gallée, Martin Häusling, Ska Keller, Lydie Massard, Sara Matthieu, Ville Niinistö, Manuela Ripa, Thomas Waitz

12	-
ECR	Mazaly Aguilar, Sergio Berlato, Pietro Fiocchi, Teuvo Hakkarainen, Margarita de la Pisa Carrión, Nicola Procaccini, Alexandr Vondra, Veronika Vrecionová
ID	Marie Dauchy, Catherine Griset, Thierry Mariani
NI	Ivan Vilibor Sinčić

6	0
ID	Gianna Gancia, Paola Ghidoni, Danilo Oscar Lancini, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone
PPE	Nathalie Colin-Oesterlé

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni